# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Appell Numru: 483/2015**

Il-Pulizija

vs

**Josef Buttigieg**

Iben Alfred, imwieled Pieta' fit-23 ta' Frar, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 133680(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Josef Buttigieg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar il-11 ta' Lulju 2012 f'xi ħin bejn il-5:30hrs u t-08:00hrs ġewwa Ħaż-Żebbuġ:

1. (1) ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti minn gewwa residenza Hniena Divina, Triq Hal Dwieli Sqaq Nru. 3, Haz Zebbug liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' € 2329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Raymond Schembri u / jew persuna jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli nhar it-03 t' April 2012 ghal habta tat-0830hrs gewwa Mgarr flimkien ma persuni ohra,

2. bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa residenza 'Maria Assunta', Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li

jeccedi l-ammont ta' € 2329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Vittoria Sammut ta' 64 sena u / jew persuna jew persuni ohra;

3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara huwa ta' iktar minn € 23.29 imma inqas minn € 116.47 ghad-dannu ta' Vittoria Sammut u / jew persuna jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli bejn is-07 t' April 2012 u d-0845hrs tat-08 t' April 2012,

4. assocja ruhu flimkien ma persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe d-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont € 2329.37 u bil-Lok;

Akkuzah ukoll talli f' Ottubru 2012 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

5. naqas milli jirrapporta lill-ufficjal awtorizzat mill-Karta ta' l-Identita minghajr dewmien li xi wahda mill-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jinsab fil-karta ta' l-identita tieghu u cioe l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif mahsub f'Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita, Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqax aktar korrett;

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma **Josef Buttigieg** bhala **recidiv** ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija lilu nhar il-15/05/2012 mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, l-Qorti intalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Josef Buttigieg, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 48A, 49, 50, 261(b)(c)(e), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 269(g), 277(b), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a), 325(1)(c) , 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 259 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu 18-il xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab

ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriħ fejn weħel piena ta' tmintax il-sena ħabs effettivi, u tirrevoka fil-bqija billi tipprosegwi sabiex tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tagħna skond il-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi u dan peress li naqset milli tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan għar-ragunijiet segwenti :
>
> Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-appell jittratta biss in-nuqqas ta' applikazzjoni da parti tal-Qorti tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li l-bqija tas-sentenza għandha tiġi kkonfermata.
>
> Illi l-artikolu 533 jinqara kif ġej:
>
> **(1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio,* il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, ta' l-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk ta' l-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal ta' l-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.**
>
> Illi primarjament jingħad illi dawn il-proċeduri ttieħdu *ex officio* mill-pulizija u n-natura tal-akkużi wkoll tindika li m'hemmx bzonn tal-kwerela tal-parti offiża ai fini ta' tali proċeduri ħlief jekk nirrigwardaw serq ta 'elettriku (b'ċertu eċċezzjonijiet marbuta magħha)1 u meta r-reat isir minn axxendent fuq ħwejjeġ dixendent jew viċe-versa2. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-proċedura kif meħuda ma kinitx tippreskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
>
> Illi fit-tieni lok in vista tal-fatt li kien hemm inkjesta maġisterjali fir-rigward tas-serqa ta' oġġetti tad-deheb u flus ġewwa 'Ħniena Divina', Tiq Ħal-Dwieli, Sqaq nru. 3, Ħaż-Żebbuġ, liema *proces verbal* ġie eżebit fl-ewwel volum tal-atti proċesswali a folio 16 ta' dan il-proċess mertu ta' dan l-appell u li in vista tal-istess jirriżulta ampjament li kien hemm esperti maħtura li espletaw l-inkarigu tagħhom, in vista tad-diċitura tal-artikolu 533 li tinkludi wkoll l-ispejjez tal-esperti maħtura anki fl-istadju tal-proċess verbal ta' l-inkjesta' l-ewwel Qort ma setgħatx tagħżel jekk tapplikax din id-disposizzjoni o meno.

---

[1] Artikolu 283A u 544 tal-Kodiċi Kriminali

[2] Artikoli 331 u 332 tal-Kodiċi Kriminali

> Illi għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, jingħad ukoll li tali imposizzjoni huwa obbligu fuq il-Qrati tagħna sakemm ma jkunx jirrigwarda każijiet li ma ġewx imexxija *ex officio*. Di piu dan huwa iktar sostanzjat mill-fatt li l-prosekuzzjoni effettivament talbet għall-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni liema talba hija in ogni caso lanqas biss meħtieġa skond il-liġi sabiex id-disposizzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tagħna tiġi applikata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ilment ventilat mill-Avukat Generali huwa limitat ghan-nuqqas mill-Ewwel Qorti illi fid-decizjoni taghha, wara li sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, naqqset milli tghaddi ghal kundanna fil-konfront tieghu ghal hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Issa din il-Qorti tosserva illi fil-parti decizorja tas-sentenza appellata, l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali huwa iccitat flimkien mad-disposizzijonijiet l-ohra tal-ligi marbuta mar-reati li ghalihom gie ikkundannat l-appellat u il-piena marbuta mal-istess. Madanakollu, x'aktarx bi zvista, ma issegwiex il-kundanna ghal hlas tal-ispejjez lir-Registratur tal-Qorti fit-termini tal-imsemmi artikolu 533, ghalkemm dan huwa tassativ fuq il-Qorti gjaldarba ikun hemm kundanna. Tali kundanna ghal hlas tal-ispejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti ma hijiex wahda imhollija fid-diskrezzjoni ta' min hu imsejjah biex jiggudika u lanqas hija kondizzjonata fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni, b'din il-kwalifika titnehha mill-legislatur permezz tal-Att XIII tal-2005.

Dan ifisser illi l-Avukat Generali ghandu ragun fil-lanjanza minnu imqanqla f'dan l-appell u l-Qorti ser tghaddi biex tirriforma id-decizjoni appellata billi tghaddi ghal kundanna ghal hlas tal-ispejjez peritali fil-konfront tal-appellat fit-termini tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellat gie misjub hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghal terminu ta' tmintax-il xahar prigunerija, izda tvarjaha billi wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna ukoll lill-appellat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri kif ukoll fil-kors tal-inkjesta *in genere* fl-ammont ta' elf u sebgha u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1037.25).

Edwina Grima

Imhallef